MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2015

Numru. 399/2008

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs.**

**John sive Johan Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

John sive Johan Mifsud detentur tal-karta ta' l-identita' nru: 140675M

a) Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar l-24 ta' April, 2005 u matul is-snin qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu id-droga Eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li jindikaw li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
b) Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, matul il-hames snin ta' qabel l-24 ta' April, 2005 kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il_Medicini Perikoluzi (Kap 101) tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2010[1] l-imputat, debitament assistit mil-legali tieghu, ammetta ghat-tieni imputazzjoni dedotta kontrih – cioe dik tar-reat ta' pussess semplici tad-droga kokajina. Wara li din il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi tal-ammissjoni in parte tieghu, u taghtu zmien xieraq biex jirrikonsidra l-posizzjoni tieghu, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tat-tieni imputazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

In vista tal-fatt li l-imputat ammetta ghat-tieni imputazzjoni dedotta kontrieh, din il-Qorti trid tiddeciedi biss jekk l-imputat hux hati o meno tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontrieh u cioe dik tar-reat tal-pussess aggravat tad-droga herojina.

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri u li mhux kontestati bejn il-partijiet huma s-segwenti:

1. Il-Pulizija irceviet informazzjoni li kien hemm persuna f'bar f'Bormla li kien se jispacca d-droga.
2. Il-Pulizija marru immedjatament jaghmlu tfittxija fil-bar u fuq il-persuna tal-imputat instabu sitt (6) qratas b'sustanza suspettata herojina.
3. Fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li huwa kien jabbuza bid-droga herojina u jiehu gramma kuljum, li kien jixtriha LM35. Huwa ammetta wkoll li l-qratas kienu tieghu u kien ghadu kemm xtrahom ghal LM5-il wiehed, ghaliex minghand min kien jinqeda ma setghax jaqdieh bi gramma ghax ma kellux lest, u kellu biss dawk il-pakketti.

[1] Ara fol. 30 tal-process.

4. L-imputat qal li dawk il-pakketti kien se jikkunsmahom dak-in-nhar, u cahad li kellu intenzjoni jittraffikahom
5. Fir-relazzjoni tieghu, l-Espert Spizjar Mario Mifsud ikkonkluda hekk:[2]

   *"Ghaldaqstant, mir-rizultanzi miksuba mill-Esponent, Mario Mifsud Manager tal-Laboratorju Forensiku jista' jikkonkludi li fit-trab kannella li kien hemm fis-sitt qratas tal-karti fid-dokument 441/09/01, f'ammont nett totali ta' 0.4585 grammi, instabet fih is-sustanza Herojina. Il-purita medja tat-trab kannella ghas-sustanza Herojina kienet ta' cirka 39.1%. Is-sustanza Herojina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Ghalhekk dak li din il-Qorti trid tiddeciedi huwa jekk id-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu – kif qed jissottometti hu – jew li ma kienitx ghall-uzu personali tieghu, kif qed tissottometti l-prosekuzzjoni.

Il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fir-rigward:

1. Huwa vera li kif issottometta l-Ufficcjal Prosekutur fit-trattazzjoni orali, normalment mhux verosimili li bniedem li jabbuza mid-droga, igorr id-droga li jkollu kollha fuqu. Pero, l-imputat kien qieghed go bar u qal li huwa kien ghadu kif xtara dawk il-qratas. Huwa relevanti li l-Pulizija ma sabitx flus kontanti fuq il-persuna tal-imputat. Ghalhekk ma jistghax jigi eskluz fuq bazi ta' probabbilita li l-verzjoni tal-imputat hija veritiera.

2. Il-Probation Officer Ivan Sultana li segwa lill-imputat mill-2006 sa Lulju tal-2010 xehed li l-imputat kellu problema akuta ta' abbuz tad-droga herojina u kokajina.[3] Il-qratas li instabu fuq l-imputat kellhom is-segwenti pizijiet: 0.086g, 0.075g, 0.071g, 0.084g, 0.75g u 0.094g, li jgibu total ta' 0.485 grammi.[4] Kif inhu notorju f'dan il-qasam id-doza tipika ta' droga herojina hija ta' 0.2 grammi, u ghalhekk l-imputat kellu fil-pussess tieghu cirka l-ekwivalenti ta' zewg dozi tipici. Huwa vera li d-droga kienet maqsuma fi qratas b'ammonti zghar, pero ma jistghax jigi eskluz fuq bazi ta' probabbilita li l-verzjoni li ta l-imputat, u cioe li ma sabx jixtri qartas b'piz ikbar ta' droga, hija veritiera.

---

[2] Ara relazzjoni tal-Espert Mario Mifsud ezebita bhala Dok MM a fol. 25 tal-process.
[3] Ara xhieda tal-Probation Officer Ivan Falzon a fol. 40 tal-process.
[4] Ara relazzjoni tal-Espert Spizjar Mario Mifsud.

Konsegwentement f'dan l-istat tal-provi u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, fl-opinjoni tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma ppruvatx l-imputazzjoni tal-pussess aggravat tad-droga herojina sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

Naturalment ir-reat ta' pussess semplici tad-droga herojina gie ppruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, u gie anke ammess mill-imputat fl-istqarrija tieghu u fix-xhieda tieghu.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Mix-xhieda tal-Probation Officer Ivan Falzon jirrizulta li l-imputat kien beda jahdem sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga, u rnexxielu jeghlibha kemm bis-sahha tas-servizzi tal-Caritas kif wkoll bis-sahha tieghu stess. Kien sab xoghol stabbli u anke kellu relazzjoni stabbli. Pero fit-3 ta' Gunju 2009 wehel sentenza ta' habs ta' seba' (7) snin, ghax instab hati ta' traffikar tad-droga herojina u omicidju involontarju.

Il-fedina penali tal-imputat fiha hames (5) kundanni, tnejn relatati ma' pussess semplici tad-droga herojina u tnejn relatati ma' serq aggravat. L-ahhar kundanna hija dik imsemmija iktar il'fuq tat-traffikar tad-droga herojina u omicidju involontarju.

In vista tax-xhieda tal-Probation Officer, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-imputat haqqu li jinghata opportunita ohra sabiex jerga' jaqbad it-triq it-tajba li kien qabad qabel dahal il-habs, u ghalhekk se tordna li jitpogga taht Probation Order.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, tiddikjara li l-imputat mhux hati tal-imputazzjoni "a" kif dedotta kontrih, u qed tilliberah minnha, pero wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, issib lill-imputat hati tar-reat kompriz u involut fl-imputazzjoni "a" u cioe dak ta' pussess semplici tad-droga heroina, kif ukoll hati tal-imputazzjoni "b" dedotta kontrieh, u ghar-ragunijiet fuq moghtija, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, huwa jkun jista' jigi kkundannat ghar-reati li ghalih giet maghmula din l-Ordni, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, inkluz l-Ordni ta' Probation annessa maghha, tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' erba' mija u tminn Euro u sbatax-il centezmu (€408.17) - li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------